*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,633, 28 ta' Mejju, 2021*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XXVI tal-2021**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta bil-għan li jirriforma l-proċedura li biha jsiru l-ħatriet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni u tas-Segretarji Permanenti.**

**ACT No. XXVI of 2021**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Constitution of Malta with the aim of reforming the procedure by which the appointments of the Principal Permanent Secretary and Permanent Secretaries are made.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

28 ta’ Mejju, 2021

## ATT Nru XXVI tal-2021

*ATT sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta bil-għan li jirriforma l-proċedura li biha jsiru l-ħatriet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni u tas-Segretarji Permanenti.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2021 li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni, hawn iżjed ’il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni". Titolu fil-qosor.

**2.** L-artikolu 92 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 92 tal-Kostituzzjoni.

(a) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(3) Is-setgħa ta’ ħatra ta’ uffiċjali pubbliċi biex iżommu jew jaġixxu fil-kariga ta’ Segretarju Permanenti u ta’ tneħħija mill-kariga ta’ persuni li jkunu jżommu jew ikunu qegħdin jaġixxu f’dik il-kariga tkun fil-President ta’ Malta li jaġixxi fuq il-parir tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku għandha tagħti l-parir tagħha lill-President wara li tkun irċeviet u evalwat ir-rakkommandazzjoni mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni."; u

(b) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih qabel il-proviso tiegħu għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda s-setgħa li taħtar is-Segretarju Permanenti Ewlieni għandha tkun vestita fil-President li jaġixxi skont il-parir tal-Kabinett tal-Ministri u wara li jikkonsultaw l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku:" u

(ii) fil-proviso tiegħu, il-kelma "Iżda" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Iżda wkoll".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 464 tal-24 ta' Mejju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

28th May, 2021

## ACT No. XXVI of 2021

*AN ACT to amend the Constitution of Malta with the aim of reforming the procedure by which the appointments of the Principal Permanent Secretary and Permanent Secretaries are made.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Constitution of Malta (Amendment) Act, 2021 and this Act shall be read and construed as one with the Constitution, hereinafter referred to as "the Constitution". Short title.

**2.** Article 92 of the Constitution shall be amended as follows: Amendment of article 92 of the Constitution.

(a) sub-article (3) thereof shall be substituted by the following:

"(3) Power to appoint public officers to hold or act in the office of Permanent Secretary and to remove from office persons holding or acting in such office shall vest in the President of Malta acting in accordance with the advice of the Public Service Commission:", and immediately thereafter there shall be added the following proviso:

"Provided that the Public Service Commission shall give its advice to the President after having received and evaluated the recommendation given by the Principal Permanent Secretary."; and

(b) sub-article (5) thereof shall be amended as follows:

(i) immediately before the proviso thereof, there shall be added the following new proviso:

"Provided that the power to appoint the Principal Permanent Secretary shall vest in the President acting in accordance with the advice of the Cabinet of Ministers and after consulting the Public Service Commission:" and

(ii) in the proviso thereof, the words "Provided that" shall be substituted by the words 'Provided further that".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 464 of the 24th May, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

**Prezz/*Price***
**€0.36**